REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/392

tad-9 ta' Marzu 2015

li jtemm reviżjoni ta' "esportatur ġdid" tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1389/2011 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet tal-aċidu triklorojsoċjanuriku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, li jerġa' jimponi d-dazju fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-esportatur u li jtemm ir-reġistrazzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea "ir-Regolament bażiku") ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Billi:

1. **Il-miżuri fis-seħħ**

(1) F'Ottubru 2005, il-Kunsill impona miżuri antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu triklorojsoċjanuriku ("TCCA"), li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ"), permezz tar-Regolament (KE) Nru 1631/2005 ([2]) ("ir-Regolament oriġinali"). Ir-rati tad-dazju anti-dumping kien ivarja minn 7,3 % sa 42,6 %.

(2) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 855/2010 ([3]), il-Kunsill emenda r-Regolament oriġinali billi naqqas ir-rata ta' dazju antidumping għal produttur esportatur wieħed għal 3,2 %.

(3) Wara reviżjoni ta' skadenza, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kunsill impona miżuri tal-antidumping definittivi li jikkonsistu f'dazji individwali li jvarjaw minn 3,2 % sa 40,5 % b'dazju residwu ta' 42,6 % fuq l-importazzjonijiet ta' TCCA li joriġinaw mir-RPĊ bir-Regolament (UE) Nru 1389/2011 ([4]).

(4) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 569/2014 ([5]), il-Kummissjoni imponiet rata ta' dazju individwali ta' 32,8 % għall-produttur esportatur wieħed ġdid.

2. **Investigazzjoni preżenti**

(5) Fl-4 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") rċeviet talba biex tniedi reviżjoni li jikkonċerna "esportatur ġdid" skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku. It-talba tressqet minn Juancheng Kangtai Chemical Co. Ltd ("l-applikant"), produttur esportatur ta' TCCA fir-RPĊ. L-applikant stqarr li huwa ma esportax it-TCCA lejn l-Unjoni Ewropea matul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali u beda jesporta biss wara t-tmiem ta' dak il-perjodu. Huwa stqarr ukoll li ma kien relatat mal-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi tat-TCCA li huma soġġetti għall-miżuri fis-seħħ.

(6) Il-Kummissjoni qieset li l-evidenza *prima facie* mressqa mill-applikant kienet suffiċjenti biex tiġġustifika li jingħata bidu għal reviżjoni skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku. Wara l-produtturi tal-Unjoni ngħataw opportunità sabiex jikkummentaw, il-Kummissjoni nediet reviżjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1389/2011 fir-rigward tal-applikant, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 727/2014 ([6]).

(7) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 727/2014, id-dazju antidumping impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1389/2011 ġie mħassar fir-rigward tal-applikant. Fl-istess waqt, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tat struzzjonijiet lill-awtoritajiet tad-dwana biex jirreġistraw l-importazzjonijiet tal-applikant.

3. **Irtirar tat-talba**

(8) Fit-28 ta' Novembru 2014, l-applikant irtira formalment it-talba tiegħu għal reviżjoni ta' "esportatur ġdid". Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni qieset li l-investigazzjoni tar-reviżjoni għandha tiġi terminata.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
([2]) ĠU L 261, 7.10.2005, p. 1.
([3]) ĠU L 254, 29.9.2010, p. 1.
([4]) ĠU L 346, 30.12.2011, p. 6.
([5]) ĠU L 157, 27.5.2014, p. 80.
([6]) ĠU L 192, 1.7.2014, p. 42.

4. **Id-divulgazzjoni**

(9) Il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati dwar l-intenzjoni li l-investigazzjoni tar-reviżjoni tiġi terminata, li timponi mill-ġdid dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet tat-TCCA u li dan id-dazju jiġi impost retroattivament fuq l-importazzjonijiet suġġetti għal reġistrazzjoni skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 727/2014. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. Ma waslu l-ebda kummenti.

5. **Imposta retroattiva tad-dazju antidumping**

(10) Fid-dawl tas-sejbiet deskritti hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-reviżjoni li tikkonċerna l-importazzjonijiet tat-TCCA immanifatturati minn Juancheng Kangtai Chemical Co. Ltd u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, għandha tiġi tterminata. Konsegwentement, ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet tal-applikant għandha tintemm u d-dazju applikabbli għall-pajjiż kollu lill-kumpaniji l-oħra kollha (42,6 %) impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1389/2011 għandu jiġi impost retroattivament fuq dawn l-importazzjonijiet mid-data ta' bidu ta' din ir-reviżjoni.

(11) Dan ir-Regolament huwa konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Ir-reviżjoni ta' esportatur ġdid li bdiet bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 727/2014 hija b'dan terminata u d-dazju antidumping applikabbli skont l-Artikolu 1 tar- Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1389/2011 għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" (kodiċi addizjonali TARIC A999) fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina hu b'dan impost fuq l-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 727/2014.

2. Id-dazju antidumping applikabbli skont l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1389/2011 għall-kumpaniji l-oħra kollha fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'dan huwa impost b'effett mit-2 ta' Lulju 2014 fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu triklorojsoċjanuriku u preparazzjonijiet magħmula minnu, magħruf ukoll bħala "simklosene" skont denominazzjoni internazzjonali komuni (INN), li ġew irreġistrati skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 727/2014.

3. L-awtoritajiet doganali permezz ta' dan huma mitluba jwaqqfu r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 727/2014.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER